MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1454/1999/1

**Austin Engerer**

**vs**

**Island Sound Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara ippremetta:-

Illi huwa kien impjegat mal-socjeta konvenuta sal-14 ta Jannar 1999.

Illi wara li ntemm l-impieg, l-attur kellu jiehu minghand il-konvenut il-bilanc ta’ Lm1093.54 (elf u tlieta u disghin lira u erbgha u hamsin centezmu) in kwantu ghal Lm264.61 (mitejn u erbgha u sittin lira u wiehed u sittin centezmu)

kummissjonijiet dovuti u ghal Lm828.93 (tmien mija tmienja u ghoxrin lira u tlieta u disghin centezmu) kumpens ghal vaganzi mhux utilizzati liema ammonti kienu accettati mill-konvenuti.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghal-hlas u ghalkemm weghdu illi ser ihallsu, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallsu l-imsemmija somma ta’ Lm1093.54 (elf u tlieta u disghin lira u erbgha u hasin centezmu).

Bl-ispejjezz inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru 2824/99 u bl’imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li gew ukoll imharkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-ista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi in linea preliminari, it-talba tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147 tal-Kodici Civili.

Illi l-attur ghandu jikkjarifika l-kawzali tac-citazzjoni prezentata minnu u jipprezenta prospett dettaljat ta’ dak li qieghed jitlob u ghal liema perjodu l-allegat ammont huwa dovut.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpens ghal vaganzi mhux utilizzati qatt ma kienu accetati mis-socjeta konvenuta u ghalhekk m’humiex dovuti anki t-talba ghal-kummissjonijiet hija infondata stante illi dawn ukoll m’humiex dovuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament  u l-lista tax-xhieda taghha.

Semghet lill-attur minn jeddu u bil-gurament.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghet lill-attur in kontro-esami.

Semghat lill-Managing Director tas-socjeta' konvenuta imsejjah mill-istess socjeta' konvenuta.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fl-ewwel lok trid tiġi deċiża l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta' konvenuta, li ddikjarat li din l-eccezzjoni hi bbazata fuq il-provedimenti tas-sub-inċiż (c) tal-artikolu 2147 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu jipprevedi preskrizzjoni ta' sena fil-każ tal-pretensonijiet ta' sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, ta' l-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrnituri li ikollhom jieħdu. Ghalhekk dan l-artikolu hu applikabbli ghall-presenti azzjoni.

Fiċ-ċitazzjoni promotriċi u fid-dikjarazzjoni tiegħu, l-attur jallega illi huwa ttermina l-impjieg tiegħu fl-14 ta' Jannar 1999 u fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2000 l-attur ikkoreġa din id-data u semma li l-impjieg tiegħu kien itterminah fit-12 ta' Frar 1999. Inoltre fl-affidavit tiegħu, l-attur jiddikjara li kien ta r-riżenja tiegħu fit-12 ta' Novembru 1998 iżda baqa' jaħdem hemm sat-12 ta' Jannar 1999, u li s-soċjetà konvenuta kienet ħallsitu l-paga sat-12 ta' Jannar 1999. Hija din id-data ta' l-aħħar li hija rilevanti għall-komputazzjoni tal-preskrizzjoni – ċioe' t-12 ta' Jannar 1999 meta l-attur l-aħħar ħadem mas-socjeta' konvenuta. Il-presenti kawża ġiet ippreżentata fit-23 ta' Ġunju 1999 u ġiet notifikata fl-14 ta' Ottubru 1999. Għaldaqstant il-perjodu ta' sena żgur ma skadiex.

Konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni timmerita li tigi rigettata.

Dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandu jigi rilevat li l-ligi ma tistipulax espressament li ghandu jigi presentat prospett sabiex azzjoni bhal din tirnexxi. Hu lamentabbli li l-attur ma ccarax, permezz ta’ prospett, it-talbiet tieghu, pero’ dan nonostante it-talbier attrici jistghu jirrizultaw sufficjentement ippruvati mill-provi li jigu prodotti u kwindi l-azzjoni tal-attur tista xorta wahda tirnexxi. Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi ser tghaddi biex tesamina jekk fil-fatt l-ammonti pretizi mill-attur humiex dovuti lilu jew le.

Dwar il-mertu tal-kawża, jidher li mill-kuntratt ta’ impjieg tal-konvenut (fol.19) l-attur huwa intitolat, minbarra s-salarju tiegħu li dwaru ma hemmx kontestazzjoni, dak li jissejjah bhala “override commission,” cioe’ kummissjoni fuq riklami li jkun innegozja l-attur ma klijenti u l-kummissjoni kellha tiġi kkalkolata bir-rata ta’ tlieta fil-mija (3%). Mid-dokumenti ppreżentati mill-partijiet, ma jirriżultax illi din il-kondizzjoni ġiet b’xi mod varjata. Jidher pero’ li s-socjeta’ konvenuta ttentat tvarja din il-kondizzjoni permezz ta’ “internal memo” iżda jidher li tali varjazzjoni qatt ma ġiet aċċetta mill-attur u konsegwentement m’hemmx dubju li l-kondizzjoni originali ghandha titqies li baqghet “in vigore.” Inoltre meta t-terminu tal-imsemmi kuntratt originali skada entrambi l-partijiet komplew josservaw it-termini kollha tal-istess kuntratt. HU zgur li sempliċi “internal memo” li hu att prettament unilaterali ma tista qatt tigi konsidrata li tista tvarja kundizzjonijiet ta’ impjieg. JIrrizulta li l-paga jew is-salarju dovut lill-attur effettivament thallas lill-istess attur u ghalhekk b’din l-azzjoni l-attur qed jitlob li jihallas tal-“leave” li ma hax u tal-imsemmija kummissjoni li, skond l-attur, hi dovuta ai termini tal-imsemmi kuntratt ta’ impieg.

L-attur in effett irnexxilu jipprova li impjegati oħra tas-socjeta’ konvenuta kienu in effett itħallsu ta’ leave mhux meħud u kwindi jidher li anke skond il-prassi tas-soċjetà konvenuta l-attur ghandu jitħallas l-ammont minnu mitlub

bhala “leave” mhux mehud. Inoltre anke skond il-Ligi tali “leave” ghandu jithallas lill-impjegat.

Dwar il-kwistjoni jekk is-socjeta' accettatx fil-fatt li thallas l-ammonti pretizi mill-attur issir referenza ghall-imsemmi kuntratt ta’ impieg li jivvinkola lis-socjeta konvenuta li thallas dawn l-ammonti, ovvjament jekk jirriżultaw li huma dovuti. L-aċċettazzjoni o meno ta’ parti wahda wara li l-imsemmi kuntratt gie konkluz hi ghal kollox irrilevanti sakhemm il-parti in kwestjoni ma tipprovax li hemm xi raġuni valida fil-liġi biex ma tħallasx. L-attur ma kellu ebda indikazzjoni fil-kuntratt ta’ impjieg li mhux se jithallas ta' xi bilanc ta' “leave” meta jispicca l-impieg tieghu. Dan japplika ukoll ghall-pretensjonijiet tal-attur dwar il-kummissjoni. Inoltre mhux korrett li l-beneficci li gawdiet minnhom is-socjeta’ konvenuta u li huma ukoll dovuti ghall-isforzi tal-attur, is-socjeta’ konvenuta tevita li thallas tali sforzi u l-istess ma jigux rikonoxxuti lil min ghamilhom fil-kors tal-impieg tieghu mas-socjeta’ konvenuta.

Mill-provi jidher illi l-bejgh ta' riklami li sar permezz tal-attur iddahlu fis-sistema tas-socjeta’ konvenuta u kwindi, u dan anke skond dak li xehed id-direttur tas-socjeta’ konvenuta, la darba l-bejgh ta’ riklam ikun sehh, dan jidhol fis-sistema tras-socjeta’ konvenuta u konsegwentement il-klijent li jkun ghamel ir-reklam jigi mitlub ihallas ghall-istess reklam. In effett is-socjeta’ konvenuta hi ukoll f’posizzjoni li tipprova liema kienu r-riklami migbura mill-attur li xxandru u dawk li ma xxandrux. Is-socjeta’ konvenuta naqset li taghmel dan. Konsegwentement peress li jirrizulta li r-riklami in kwestjoni, li kienu gew mibjugha mill-attur, jirrizultaw li dahlu fis-sistema tas-socjeta’ konvenuta kwindi jirrizulta sufficjentement li l-attur ghandu jithallas il-kummissjoni relattiva. In effett l-attur ipprova sufficjentement li meta spicca mill-impieg mas-socjeta’ konvenuta huwa kellu jiehu kummissjoni totali ta’ hames mija u sitta u ghoxrin liri maltin u sitta u sittin centezmu (Lm526.66). Jirrizulta ukoll li mill-imsemmi ammont l-attur thallas tliet pagamenti ammontanti b’kollox

ghas-somma ta’ mitejn tnejn u sittin liri maltin u zewg centezmi (Lm262.02). Ghalhekk l-attur fadallu x’jithallas bhala kummissjoni l-ammont ta’ Lm264.61, cioe’ l-istess ammont li l-attur indika fic-citazzjoni li ghandu jiehu bhala kummissjoni. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li l-attur ghandu jiehu bhala kummissjoni l-ammont ta' Lm 264.61.

Ghar-rigward tal-“leave” mhux mehud l-atur jippretendi li ghandu jiehu s-somma ta’ Lm828.93 li tekkwivali ghal 47 gurnata leave. In effett fl-affidavit tieghu l-attur fir-rigward tal-“leave” jindika l-ammont ta' Lm428.93. Dan jista jkun li sar bi zball. Ghandu jinghad ukoll li minn dokument tas-socjeta’ konvenuta li gie esibit, jirrizulta li l-ammont dovut hu dak imsemmi fic-citazzjoni u kwindi jista jinghad li s-socjeta konvenuta stess tirrikonoxxi li semmai l-ammont dovut lill-attur bhala “leave” mhux mehud jammmonta ghal-imsemmija somma ta’ Lm828.61.

In vista tal-prmess it-talbiet ta' l-attur jirrizultaw ippruvati u jirrizulta ukoll li l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddecciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur u b’hekk tikundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf u tlieta u disghin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm1093.54) ekwivalenti ghal ewro elfejn hames mija seba’ u erbghin u erba’ u hamsin centezmu (€2547.54) u dan ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni, kif ukoll bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tat-terminazzjoni tal-impieg tal-attur minn mas-socjeta konvenuta, cioe’ mit-12 ta’ Jannar 1999, sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------